

Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Novembru 2001, dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem, kif emendata bid-Direttiva 2004/27/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004.

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 26.1.2008

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof — L-Awstrija) — Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG vs Franz Hauswirth GmbH**

(Kawża C-529/07) (<sup>1</sup>)

(“Trade mark Komunitarja tridimensjonali — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 51(1)(b) — Kriterji rilevanti sabiex tiġi evalwata l-‘mala fede’ tal-applikant waqt il-preżentata tal-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja”)

(2009/C 180/12)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

#### Qorti tar-rinviju

Oberster Gerichtshof

#### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli AG

Konvenuta: Franz Hauswirth GmbH

#### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Oberster Gerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 51(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 11, p. 1) — Kunċett ta' ‘mala fede’ tal-applikant għat-trade mark — Applikazzjoni għal trade mark bil-għan li l-kompetituri jiġu preklużi milli jkomplu l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti li jixxiebhu li preċedentement ikunu kisbu ċerta reputazzjoni — Fniek taċ-ċikkulata tal-Għid.

#### Dispożittiv

Għall-finjiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza tal-mala fede tal-applikant, skont l-Artikolu 51(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja, il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu li tiegħu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha relatati mal-każ ineżami u eżistenti fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark Komunitarja, u b'mod partikolari:

— il-fatt li l-applikant jaf jew għandu jkun jaf li terz jutilizza, tal-anqas fi Stat Membru wieħed, sinjal identiku jew li jixxiebha għal prodott identiku jew li jixxiebha li kapaċi jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li għalih qed issir applikazzjoni għal reġistrazzjoni;

— l-intenzjoni tal-applikant li jipprekludi lil dan it-terz milli jkompli juża tali sinjal, kif ukoll

— il-livell ta' protezzjoni legali li jgawdu minnha s-sinjal tat-terz u s-sinjal li għalih qed issir applikazzjoni għal reġistrazzjoni.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 9.2.2008

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-11 ta' Ġunju 2009 — Imagination Technologies Ltd vs Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-542/07 P) (<sup>1</sup>)

(“Appell — Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni rrifjutata — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 7(3) — Karattru distintiv miksub permezz tal-użu — Użu sussegwenti għad-data tal-preżentata tal-applikazzjoni għal reġistrazzjoni”)

(2009/C 180/13)

Lingwa tal-proċedura: L-Ingliż

#### Partijiet

Appellanti: Imagination Technologies Ltd (rappreżentanti: M. Edenborough, Barrister, P. Brownlow u N. Jenkins, Solicitors)

Appellat: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

#### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Settembru 2007, Imagination Technologies Ltd vs UASI (Pure Digital) (T-461/04) li permezz tagħha l-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet rikors intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni R 108/2004-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tas-16 ta' Settembru 2004, li tiċħad l-appell kontra d-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali “PURE DIGITAL” għal prodott u servizzi fil-klassijiet 9 u 38

#### Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Imagination Technologies Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 37, 9.2.2008